MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 568/2001/1

**Carmel Saliba u martu Maria Dolores Saliba.**

**v.**

**Avukat Ġenerali għall-Gvern ta' Malta.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti konjugi Saliba prezentat fis-6 ta' April 2001 li jaqra hekk:
"Illi kif jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti Kriminali (Dokument "A" anness) tat-8 ta' Jannar, 2001, l-esponenti flimkien ma' ko-akkużati oħra, fuq ammissjoni ġie misjub ħati tal-

akkużi dedotti kontrih, reati kontemplati fl-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101, ġie kkundannat piena karċerarja u pekunjarja u inoltre l-Qorti ordnat il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

“Illi fost l-oġġetti esebiti hemm karozza Ford Sierra, numru tar-reġistrazzjoni EAI-042, li hi proprjeta` tal-esponenti, konjuġi Saliba, u *mobile phone*.

“Illi din il-karozza ġiet akkwistata fl-1992 u ċertament ma ġietx mixtrija bi profitt jew dħul mill-għemil ta’ xi reat taħt il-Kap 101.

“Illi inoltre, ġew maqbuda b’sekwestru ġenerali s-segwenti proprjetajiet tal-konjuġi Saliba:-

“1. Id-dar “White Lily”, New Street in St. Anthony Street, Żabbar;

“2. biċċa art ta’ ċirka tlieta u għoxrin pied b’ħamsa u għoxrin pied (23 X 25) li tinstab fi Triq il-Hortan kantuniera ma’ Triq Salvu Buhagiar, Marsascala;

“3. vann Toyota numru tar-reġistrazzjoni JBA-335;

“4. vann Peugeot numru DAL-975.

“Illi kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-oġġetti fuq imsemmija, mobbli u immobbli, proprjeta` tal-konjuġi Saliba, konfiskati bis-sentenza fuq ċitata u maqbuda bis-sekwestru ġenerali fil-proċeduri kriminali, nxtraw minnhom bi flushom, u mhux bi profitt dirett jew indirett, minn għemil ta’ xi reat taħt l-Ordinanza, u fit-termini tal-Artikolu 22C (1) tal-Kap 101.

“Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett, li in vista tal-premess, dina l-Qorti jogħġobha;

“1. tiddikjara li l-oġġetti fuq imsemmija, kemm dawk konfiskati mis-sentenza, kif ukoll dawk milquta bis-sekwestru ġenerali huma proprjeta` tal-esponenti, u ma

nxtrawx bi profitt jew dħul mir-reati kontemplati fil-Kap 101;

"2. konsegwentement tordna r-revoka tal-ordni tal-konfiska, kemm tal-oġġetti esebiti, kif ukoll dawk milquta bis-sekwestru ġenerali; u

"3. tagħti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun biex l-esponenti jerġgħu jiġu formalment rikonoxxuti l-leġittimi proprjetarji ta' l-oġġetti fuq imsemmija.

"Bl-ispejjeż."

Rat ir-risposta tal-intimat (fol. 10) li in forza taghha ecepixxa illi:
"Illi r-rikors promotur jikkontjeni ħafna allegazzjonijiet rigward il-provenjenza tal-flus li bihom allegatament ir-rikorrenti xtraw il-proprjeta` konfiskata.

"Iżda dawn jibqgħu biss allegazzjonijiet in kwantu mentri l-liġi tipprovdi li r-rikorrenti għandhom b'sostenn tat-talba tagħhom jehmżu mar-rikors id-dokumenti kollha produċibbli u għandhom jagħtu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun fi ħsiebhom iġibu u jgħidu dwar kull wieħed il-prova li jkunu bi ħsiebhom jagħmlu minn dan kollu r-rikorrenti m'għamlu xejn.

"Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti in kwantu l-oġġetti kollha konfiskati in forza tas-sentenza msemmija nxtraw minn profitti jew dħul mill-għemil ta' reat taħt il-Kap. 101.

"Salv risposti oħra ulterjuri permessi mil-liġi."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Marzu, 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"… … … tilqa' t-talba tar-rikorrenti fir-rigward tal-Vettura Peugeot numru DAL-975 u d-dar 'White Lily', New Street in St. Anthony Street, Żabbar; iżda tiċħad it-talbiet tagħhom fir-rigward tal-proprjeta` immobbli f'Marsascala u

l-vettura Toyota indikati fir-rikors. L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mir-rikorrenti.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi r-rikorrenti qed jitolbu ir-rilaxx tal-proprjetajiet tiegħu msemmija wara li dawn ġew konfiskata mill-Pulizija in segwitu għal proċeduri kriminali li kienu saru fil-konfront tar-rikorrenti u oħrajn, fosthom żewġ uliedhom. Huwa kien ammetta l-akkużi u ġie kundannat permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-8 ta’ Jannar, 2001.

“Il-proċeduri odjerni għalhekk qed isiru ai termini tal-Kapitlu 101 tal-liġijiet ta’ Malta.

“Ir-rikorrenti kienet xehedet fit-22 ta’ Frar, 2002 fejn qalet li l-vettura Fors Sierra kienu xtrawha fl-1992 permezz ta’ *hire purchase agreement* ma’ Gasan Enterprises Limited (Dok. “DS1”); id-dar fejn joqgħodu u cioe’ White Lily, New Street in St.Anthony Street, Ħaż Żabbar kienu xtrawha fl-1988 (Dok. “CD2”) – fil-fatt kienu xtraw l-art u bniha r-rikorrenti li huwa raġel tas-sengħa. Kienu ssellfu tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) mill-Bank. (Dok. “CD3”). L-art imsemmija fir-rikors kien xtraha r-rikorrenti u kellu jagħti d-dettalji huwa stess fil-waqt illi ppromettiet illi tesebixxi dokumenti dwar il-vettura Punto, qalet li l-vann Peugeot kien ilu għandhom xi għoxrin (20) sena.

“Ir-rikorrenti xehed fl-14 ta’ Jannar, 2003 u kkonferma dak li qalet martu fir-rigward tal-Ford Sierra u l-Peugoet li qal li xtrah fl-1984 bil-prezz ta’ tlett elef Lira Maltin (Lm3,000). It-Toyota kien xtrah wara iżda kien ilu sitt snin għandu u xtrah ġdid sitt elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm6,500). Ikkonferma li d-dar kien bniha hu wara li xtraw l-art. L-art indikata fir-rikors xtraha fl-1994 bil-prezz ta’ erbat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm4,500). Laħaq bena xi *garages* fuqha. Qal li huwa kellu disgħa u ħamsin (59) sena u kien ilu jaħdem minn meta kellu erbatax (14) il-sena u mill-1981 ħadem dejjem għal rasu.

“Ir-rikorrenti reġgħet xehdet a fol 32 tal-proċess fejn esebiet xi dokumenti fosthom il-kuntratti tax-xiri tal-plot

fejn bnew darhom fl-1988; il-kuntratt li sar fl-1990 li bih issellfu tlett elef

"Lira Maltin (Lm3,000) biex bnew id-dar; il-kuntratt fl-1994 fejn xtraw l-art Marsascala. Esebiet ukoll kopji tar-*returns* tal-*income tax* għas-snin 1992 sal-1997. Żewġha imbagħad esebixxa numru ta' kuntratti (tmienja u tletin) li jibdew mill-1970 u jibqgħu sejrin sa l-1994 li jirrigwardjaw diversi bejgħ u xiri li kien għamel.

"Ġiet imħarrka u tat ix-xhieda tagħha l-Avukat Dottor Veronica Aquilina li esebiet estratt mir-relazzjoni tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn irrelatat dwar il-proprjeta` tal-imputati. Jirriżulta wkoll li r-rikorrenti kellxu xi vetturi oħra li pero' illum huma *scrapped* u baqgħalu tlieta u cioe dawk imsemmija fir-rikors. Ġew ukoll esebiti kambjali da parti tar-rikorrenti li jirreferu għall-ħlasijiet li kellhom jagħmlu bħala ħlas għat-Toyota b'effett mit-28 ta' Diċembru, 1997 u t-28 ta' Awwissu, 1998 (fol 74). L-att ta' l-akkuża ġie esebit a fol 81 tal-proċess.

"Xehed l-Ispettur Harrison li mexxa l-investigazzjonijiet u għamel l-arresti.  Qal li s-Sierra tirriżulta li nxtrat mir-rikorrenti fl-1995 u ġiet konfiskata għaliex intużat fit-traffikar. Rigward id-dar tar-rikorrenti qal li d-droga kienet tittieħed hemmhekk kieku ma ġietx interċettata u wieħed mill-garaxxijiet kien jintuża biex titpoġġa l-i*speed boat* fih. Qal li t-Toyota ma ġietx elevata iżda ntlaqtet mis-sekwestru ordnat mill-Qorti u ma nstabet ebda droga fiha. Fir-rigward tal-Peugoet din inxtrat mir-rikorrent fl-1985. PC Borg xehed a fol 139 tal-proċess u qal li kien ra lil xi ħadd joħroġ *speed boat* minn wieħed mill-*garages* fi Triq Salvu Buhagiar, Wied il-Għajn.

"Ir-rikorrenti ammetta l-akkużi quddiem il-Qorti Kriminali iżda meta xehed qal li ma kienx jaf li uliedu kien jittraffikaw id-droga u ċaħad li huma kienu jistotjawha d-dar. Meta mar magħhom qabel ma ġew arrestati qalulu li kienu qed idaħħlu d-deheb bil-kuntrabandu. Qal li uliedu qalulu li kienu ġew mhedda u kien ammetta l-akkuża quddiem il-Qorti biex ma jżidx spejjeż.

“Il-liġi imsemmija tagħti fakolta’ permezz ta’ l-Artiklu 22Ċ lill-

*“persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna msemmija fil-paragrafu (d) tal-artiklu 22 3A* biex *tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjeta` jew kull proprjeta` mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profit jew dħul mill-għemil ta’ xi reat taħt din l-Ordinanza, lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament minn jew peremzz ta’ xi profitti jew dħul bħal dawk.”*

“Il-Qorti tirrileva li f’kaz bhal dan huwa r-rikorrenti illi għandu jipprova dak li qed jallega u cioe’ li l-proprjeta` konfiskata mhux derivanti mill-attivita` kriminali in kwistjoni. Naturalment billi f’dan il-każ ir-rikorrenti hija l-persuna misjuba ħatja irid jipprova li xtraha minn mezzi independenti mill-attivita` kriminali.

“Il-Qorti tħoss li b’eċċezzjoni tal-vettura Toyota ir-rikorrenti għamlu prova suffiċjenti li l-proprjetajiet imsemmija akkwistawhom b’xogħlhom u snin qabel ir-rikorrenti ġie arrestat u kwindi kkundannat għar-reat in kwistjoni. Infatti l-att ta’ l-akkuża jispeċifika li l-akkuża tirreferi għaż-żmien sentejn qabel Lulju 1999 u kwindi Lulju 1997. Ma hemmx kwistjoni li l-proprjeta` immobbli inxtrat snin twal qabel kif ukoll il-vetturi msemmija – dejjem eċċetto t-Toyota li nxtrat fl-1997. L-initmati pero’ qed isostnu li l-proprjetajiet immobbli ntużaw biex tiġi maħżuna d-droga u kwindi jaqgħu taħt l-artiklu 23 tal-Kodiċi Kriminali u cioe’ li jirrigwardja l-konfiska tal-*corpus delicti* u kwindi ma jaqax taħt l-artiklu 22 (Ċ) tal-Kapitlu 101.

“Il-Qorti ma tħossx li għandha tapplika l-piena tal-konfiska r-rigward tad-dar residenzjali għaliex għalkemm hu probabbli li kien hemm xi drabi li xi ħadd mill-akkużati bir-reat ħa xi droga hemmhekk, dan kien għaliex <u>huma kienu jabitaw hemmhekk</u> u b’daqshekk ma jfissirx li allura din saret *corpus delicti*. Jekk dan ġara xi drabi (u l-Qorti ma tħossx li dan ġie ppruvat fil-kors tal-provi) wieħed ma jistax allura japplika piena daqshekk ħarxa meta anke fi kliem is-sentenza tal-Qorti Kriminali sehem ir-rikorrenti f’din il-kawża kien wieħed *marġinali*.

“Fir-rigward ta’ l-art f’Marsascala jidher li fuqha kienu nbnew xi *garages* u f’wieħed minnhom kienet tinżamm l-i*speed boat* li fuqha kienet tinġieb id-droga. Jidher ukoll mill-istqaarija ta’ Aldo Saliba li fil-fatt ġie li nżammet id-droga fih, u għalhekk l-oġġezzjoni tal-intimati hija ġustifikata.

“Fir-rigward tat-Toyota kif gia` ingħad jidher li din ġiet akkwistata fl-1997 u kwindi entro l-perjodu in kwistjoni u għalhekk ir-rikorrenti kellu jipprova li xtrah minn mezzi tiegħu. Il-Qorti tħoss li r-rikorrenti ma pprovax li l-flus biex xtrah ma ġabhomx mid-droga. Ma hemmx problemi fir-rigward tal-Vann Peugoet illi anke l-intimati jirrikonoxxu li kien ilu żmien twil għand ir-rikorrenti u ma ġiex użat fit-traffikar tad-droga. Dan ma jistax jingħad fir-rigward tal-Ford Sierra għaliex effettivament meta ġew arrestati l-akkużati, kienet qed tintuża appositament għal ġarr tad-droga iżda f’kull każ ir-rikorrenti ma għamel ebda talba fir-rigward.”

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti konjugi Saliba li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:
“... ... ... tirriforma d-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta’ Marzu 2007 fil-kawza fl-ismijiet “Carmel Saliba et vs Avukat Generali” Rikors Numru 568/01 JA billi tikkonfermaha fejn laqghet it-talbiet tar-rikorrenti u tirrevokaha fejn cahdet it-talbiet tal-esponenti, billi tilqa’ t-talbiet kollha kif dedotti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-intimat Avukat Generali li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:
“... ... ... tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Marzu 2007, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi filwaqt illi tirrevokaha in kwantu kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti appellati ghar-revoka tal-ordni tal-konfiska tad-dar “White Lily” New Street in St. Anthony Street, Zabbar, u tipprovdi minflok billi tichad din l-istess talba, tikkonfermaha ghall-

kumplament u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellati.”

Rat ir-risposti tal-appell ipprezentati mill-kontroparti li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnhom prmessi, talbu li l-appell tal-parti l-ohra jigi michud;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet – Dott. Ramon Rossignaud ghall-konjugi Saliba u Dott. Peter Grech u Dott. Veronica Buttigieg ghall-Avukat Generali – fl-udjenza tas-16 ta’ April 2009;;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi dawn huma proceduri li ttiehdu wara proceduri kriminali li nfethu kontra Aldo Saliba, Alex Saliba u Carmel Saliba, fost ohrajn, fuq importazzjoni, pussess u traffikar tad-droga bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. B’sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-8 ta’ Jannar, 2001, l-imsemmija tlett persuni nstabu hatja (bhala principal u/jew assocjati) tal-akkuzi dedotti kontra taghhom u dan wara l-ammissjoni tal-persuni akkuzati.

Il-Qorti, apparti li imponiet il-piena li dehrilha kienet meqjusa fic-cirkostanzi tal-kaz, ordnat ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti fit-termini tal-Artikolu 22 (3A)(c) u (d) tal-istess Kap. 101. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:
“(3A) Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet hatja ikun xi wiehed mir-reati msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 24A il-qorti ghandha, b’zieda ma’ kull piena ohra, fis-sentenza taghha jew f’kull zmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni –

................

“(c) bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u tal-Ordinanza tad-Dwana, taghmel ordni li bih id-dispozizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (b) ta’ dan is-subartikolu jigu applikati *mutatis mutandis* ghal jew dwar

xi bicca tal-bahar jew vettura, f'Malta jew f'xi post barra minn Malta, uzata biex tinzamm jew tinhazen, jew biex tinbiegh jew tigi traffikata dik il-medicina; u

"(d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra, u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta."

Ir-rikorrenti f'dawn il-proceduri qed jitolbu li l-ordni ta' konfiska, in kwantu tolqot oggetti indikati fl-att promotorju, tigi mhassra, u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 22C tal-istess Kap. 101, fis-sens li gej:
"22C. (1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A) tal-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjeta` jew kull proprjeta` mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn qorti tal-gustizzja kriminali) lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.

"(2) Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konkluziva.

"(3) Ir-rikorrent ghandu b'sostenn ghat-talba tieghu, jehmez mar-rikors id-dokumenti kollha li hu jkun jista' jipproduci u ghandu jaghti fir-rikors tieghu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi hsiebu jgib, fejn ighid dwar kull wiehed il-prova li jkun bi hsiebu jaghmel."

L-oneru tal-prova, dejjem sal-grad ta' probabbilita`, hu mixhut fuq ir-rikorrenti li ghandhom l-obbligu li jipprova li l-oggetti minnhom indikati ma kienux rizultat tar-reat li tahtu

jkun instab hati l-akkuzat, u dan kif spjegat fl-istess ligi. Mhux daqshekk importanti lil min jappartjeni l-oggett partikolari, izda dak li jrid jigi muri hu li l-oggett bl-ebda mod, la direttament jew indirettament, ma ghandu xi forma ta’ konnessjoni mar-reat taht dik l-Ordinanza jew mal-lucri ta’ dak ir-reat.

Issa f’dan il-kaz, ir-rikorrenti talbu li jinghataw lura (i) id-dar “White Lily”, Triq gdida fi Triq Sant’ Antnin, Zabbar; (ii) bicca art li tinsab fi triq il-Hortan, kantuniera ma’ Triq Salvu Buhagiar, Marsascala;(iii) vann Toyota numru JBA-335; (iv) vann Peugeot numru DAL-975; u (v) Ford Sierra numru EAI-042.

L-ewwel Qorti illiberat mill-ordni tal-konfiska il-van Peugeot numru DAL-975 u d-dar “White Lily” f’Haz-Zabbar, izda cahdet it-talba tar-rikorrenti fil-konfront tal-vetturi l-ohra u tal-art ta’ Marsascala, u dan wara li qieset li r-rikorrenti ressqu provi konvincenti li l-van Peugeot u d-dar ta’ Haz-Zabbar ma humiex konnessi mad-dhul mir-reat, izda fil-kuntest tal-oggetti l-ohra, din il-prova ma saritx.

Minn din is-sentenza appellaw iz-zewg partijiet: l-Avukat Generali irid li d-dar ta’ Haz-Zabbar tibqa’ konfiskata favur il-Gvern Malti, fil-waqt li r-rikorrenti jridu li anke l-vann Toyota, il-Ford Sierra u l-art ta’ Marsascala, jew imqar parti minnha, jigu wkoll rilaxxati favur taghhom.

Trattat l-ewwel l-aggravju tal-Avukat Generali, jidher li dan qed jibbaza l-appell tieghu fuq il-fatt li jirrizulta ppruvat li l-akkuzati kienu jahznu d-droga fil-fond in kwistjoni, u ghalkemm dan il-fond kien iservi bhala dar ta’ abitazzjoni tal-familja Saliba, il-ligi ma tqisx din ic-cirkostanza bhala fattur rilevanti, kif donnha ghamlet l-ewwel Qorti, u l-konfiska kellha tibqa’ in vigore fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 22(3A)(a) fis-sens li
“(a) meta xi proprjeta` immobbli, f’Malta jew f’xi post barra minn Malta, tkun giet uzata biex tinzamm jew tinhazen jew biex tinbigh jew tigi traffikata, dik il-medicina, kif deskritt fl-att ta’ l-akkuza jew fl-akkuza, tordna l-

konfiska favur il-Gvern ta’ kull dritt reali li l-hati jkollu fuq dik il-proprjeta` immobbli.”

Il-konfiska a bazi ta’ dan is-sub-artikolu ma toperax, pero`, *ope legis*, izda trid tintalab mill-prosekuzzjoni u tkun ordnata mill-Qorti. Issa, f’dan il-kaz, mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta’ Jannar, 2001, ma jirrizultax la li ntalab l-applikazzjoni tas-subartikolu in partikolari u lanqas li, fil-fatt, saret ordni a bazi tieghu. Kif inghad, l-ordni tal-Qorti Kriminali saret a bazi tas-subartikoli (c) u (d), u ma hemm ebda referenza ghall-Artikolu 22(3A)(a) tal-Ordinanza in kwistjoni. Kwindi, la darba l-ordni ta’ konfiska saret taht is-subartikolu (d), il-liberalizazzjoni taghha tista’ tintalab jekk jigi muri li dak il-fond ma kienx mixtri mill-profitti tar-reat, u hu immaterjali jekk il-fond intuzax jew le bhala “mahzen” ghad-droga.

Issa r-rikorrenti, f’dan il-kaz giebu l-prova li d-dar inbniet fuq art li inxtrat b’kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Victor John Bisazza fit-28 ta’ Novembru, 1988, u li d-dar inbniet ferm qabel ma bdiet tigi uzata bhala “mahzen” ghad-droga. Fil-fatt, l-akkuzi konnessi mal-uzu tad-droga jidher li jirreferu ghall-perjodu li beda fl-1997, u d-dar diga` kienet mibnija, tant li, kif inghad, gieli kienet tintuza bhala “mahzen” ghad-droga. Kwindi, jirrizulta pruvat li din il-proprjeta` ma hijiex “profitti jew dhul mill-ghemil ta’ xi reat taht din l-Ordinanza”, u l-aggravju tal-Avukat Generali fir-rigward qed jigi michud.

Trattat issa l-appell tar-rikorrenti, fil-kuntest tal-vann Toyota bin-numru JBA-335, jirrizulta li fiha ma nstabet ebda droga, izda giet akkwistata fl-1997, cioe`, fiz-zmien li r-rikorrenti nstabu hatja li kienu involuti fit-traffikar tad-droga. Din il-karozza inxtrat gdida bil-prezz ta’ Lm6,500. Din il-Qorti taqbel mal-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi fis-sens li r-rikorrenti ma wrewx li dan il-vann gie akkwistat b’mezzi indipendenti mir-reat. Mill-kopji tal-income-tax returns li gew esebiti, jirrizulta li mill-1992 sal-1997, ir-rikorrent kellu dhul ta’ cirka Lm2200 fis-sena, u ma jirrizultax li ufficjalment kellu xi dhul iehor. Ir-rikorrenti ma wrex “provanjenza nadifa”, anqas fuq bazi ta’ probabbilita`, tal-flus mehtiega ghall-akkwist.

L-istess jista' jinghad fil-kuntest tal-aggravju tar-rikorrenti dwar l-art ta' Marsaskala. Din inxtrat b'kuntratt ippubblikat fit-28 ta' Marzu, 1994, min-Nutar Anthony Abela, pero`, giet zviluppata bil-bini ta' garages fl-epoka li r-rikorrent beda jinvolvi ruhu fit-traffikar tad-droga. Ir-rikorrent jghid li f'Jannar tal-1990 ha self ta' Lm3000 mill-Bank of Valletta Ltd. biex ikun jista' jibni d-dar f'Haz-Zabbar, pero`, ma jispjegax kif zviluppa l-art ta' Marsascala. Hu jghid li kien jinnegozja fil-proprjeta`, pero`, ma gabx provi sodisfacenti dwar xi "qliegh" ghamel minn dan in-negozju. Fil-fatt, meta r-rikorrent gie mitlub jispjega kif, skond il-kopji tar-returns tat-taxxa minnu esebiti, jidher li, fuq perjodu ta' hmistax-il sena, kellu dhul totali ta' Lm10,000, qal biss li hu ma kienx preciz fir-returns tat-taxxa, u mitlub jispjega allura, kemm dahhal flus fir-realta`, wiegeb li ma jzommx records.

Ghar-rigward tal-karozza tat-tip Ford Sierra numru EA1-042, ghalkemm jirrizulta li din il-vettura nxtrat qabel il-perjodu indikat fl-att tal-akkuza relattiva, jirrizulta, pero`, li din intuzat proprju sabiex twettaq ir-reat stante li madwar zewg kilos u nofs droga intercettati mill-Pulizija fil-lejl bejn il-11 u t-12 ta' Lulju, 1999, kienu effettivament mohbija go din il-vettura. Il-konfiska ta' din il-vettura saret a bazi tal-Artikolu 22(3A)(c) tal-Kap 101 imsemmi (vettura uzata biex "tinzamm u tinhazen" dik il-medicina), u l-konfiska sservi bhala piena li mhix rimedjabbli fit-termini tal-Artikolu 22C tal-istess ligi.

L-argument tal-appellant Carmel Saliba illi huwa qatt ma uza din il-vettura ghal garr tad-droga u qatt ma awtorizza lil hadd biex juzaha mhix kredibbli stante li hu stess flimkien ma' wliedu Alex u Aldo fil-proceduri kriminali ammettew volontarjament illi kienu jiffurmaw parti minn cirku ta' persuni involuti fit-traffikar tad-droga.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli interposti mill-kontendenti billi tichadhom it-tnejn u b'hekk tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk f'din it-tieni istanza, jithallsu rispettivament minn kull parti ghall-appell minnha interpost.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------